**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 617/97

Edwin Genuis

vs

Telemalta Corporation u b' digriet tat-8 ta' April 1999 Maltacom p..l.c. fil-kwalita` taghha ta' successur tat-Telemalta Corporation

Illum 14 ta' Frar, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju, 1987 u l-15 ta' Mejju, 1995, u b'mod iktar preciz fi jew ghall-habta ta' l-1989 huwa sofra ngustizzja f'li ma giex moghti promozzjoni ngustament u barra minn hekk gie moghti transfers vendikattivi u politici;

Illi l-fatti tal-kaz fil-qosor kienu kif gej:

Illi r-rikorrent kien gie mpjegat mal-Korporazzjoni fl-1978 fil-grad ta' skrivan, wara li kien resaq ghal ezami kompetittiv. Dak iz-zmien kien gie stazzjonat l-'Overseas' fl-accounts. Madwar erba' snin wara kien gie trasferit ghall-'Coding' u xi sentejn wara gie posted il-'Billing Enquiries' fejn dam madwar erba' snin. Fl-1987 kienet saret bidla fil-Gvern u minghajr raguni gie trasferit Sa Maison fl-istores, suppost fis-sezzjoni tal-'Fixed Assets' li dak iz-zmien kienet tikkomprendi fir-rikorrenti wahdu. Dik is-sezzjoni kienet tiehu hsieb l-inventarji kollha tat-Telemalta kif ukoll l-assi kemm Kapitali u kif ukoll rikorrenti. Madwar sentejn wara rega' gie trasferit ghal San Pawl il-Bahar, din id-darba jigbor il-kontijiet tat-telephone. Ix-xoghol kien ta' inqas mill-grad tieghu pero' xorta wahda obda l-ordni. Fl-1989 kienet harget applikazzjoni ghall-grad ta' Administrative Officer u peress li kellu r-rikjesti mehtiega applika u fil-fatt resaq ghall-interview li ma hax aktar minn ghaxar minuti. Meta hargu l-promozzjonijiet ir-rikorrent gie ingustament maqbuz kemm f'seniority kif ukoll kwalifiki. Barra minn hekk wara din l-ingustizzja rega' gie trasferit din id-darba go Sub-Store jaghmel xoghol ta' storekeeper. Ghaldaqstant ir-rikorrent jikkonkludi li dawn l-ingustizzji saru b'mottiv politiku.

Illi r-rikorrent kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu bix-xhieda murija fl-elenku anness li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal

ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jiehu l-promozzjoni b'lura mill-1989, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' kif tiddeciedi din il-Qorti.

Ra l-lista tax-xhieda prezentata mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tas-socjeta` intimata li eccepiet:

Illi l-korporazzjoni cahdet li ghamlet xi ingustizzja b'rizultat ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita mar-rikorrent jew li cahditu minn promozzjoni li kien haqqu.

Illi s-sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-gradi ta' Administrative Officer, kienet harget fit-23 ta' Gunju 1989. Ir-rikorrent kien applika ghal dan il-grad pero skond ir-rizultat tal-Bord tal-Ghazla ghalkemm ghadda, in-numru ta' vakanzi kien limitat u r-rikorrent ma gabx bizzejjed biex jikkwalifika ghal wiehed mill-postijiet vakanti u ghalhekk ma setax jinghata l-promozzjoni.

Illi minn massimu ta' 100 marka r-rikorrent gab 61 marka. Dawn kienu mqasmin hekk: 5 minn 10 marki ghas-snin ta' servizz; 15 minn 25 marka ta' l-esperjenza; 20 minn 25 marka ghall kwalifiki; 10 minn 20 marka ghall-personalita/sezzjoni prezenti; 7 minn 10 marki ghal sezzjonijiet ohra; u 4 minn 10 marki ghal taghrif generali.

Illi dwar l-allegazzjoni li gie maqbuz ingustament kemm fis-seniority u fil-kwalifiki ir-rikorrent ghandu jipprova l-

allegazzjonijiet tieghu u l-korporazzjoni tirriserva li twiegeb ghal dawn l-allegazzjonijiet meta jigu specifikati ahjar. Ir-rikorrent ghandu jindika l-persuni li jidhirlu li kienu kwalifikati inqas minnu biex ikunu jistghu jittelghu b'xhieda.

Illi dwar it-trasferimenti r-rikorrent, kif spjega hu stess, ilu jigi trasferit skond l-esigenzi tax-xoghol mill-bidu ta' l-impjieg tieghu mal-korporazzjoni. F'dawn it-trasferimenti ma saret ebda distinzjoni jew preferenza indebita mar-rikorrent li tikkwalifika bhala ingustizzja fit-termini tal-ligi. It-trasferimenti fil-korporazzjoni jsiru regolarment ghal ragunijiet ta' xoghol.

Ghaldaqstant il-korporazzjoni talbet lil dan it-Tribunal joghgbu jichad it-talba tar-rikorrent. Bl-ispejjez kontra tieghu.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi ghalkemm fil-korp tar-rikors ir-rikorrent semma t-transfers li qalgha fit-talba finali semma l-promozzjoni li ma hax fl-1989 ghal Administrative Officer.  Ghalhekk it-Tribunal sejjer jillimita l-ezami tal-fatti ghal dan l-aspett.

Illi r-rikorrenti ipprezenta affidavit fejn semma li wara li hargu l-applikazzjonijiet ghal Administrative Officer applika u ghamel l-interview, u dan kien jikkonsisti biss f'ghaxar minuti, u li ghadda minnu qalulu li gab 61 marka imma l-cut marka kienet 67 u ghalhekk gew promossi b'mod ta' l-ghageb nies ta' anqas grad minnu inkluz dik tas-seniority. Ma fehemx kif gie moghti 5 marki minn 10 ghas-servizz meta ohrajn bhal Frank Mercieca li kien inqas minnu fil-grad ghax kien EO u wkoll inqas minn fis-seniority u ma kiex wkoll kwalfikat u inghata daqsu ghas-servizz. Dwar personalita' hu inghata 10 minn 20 marka u dan l-istess Mercieca inghata 19 minn 20! Dwar il-marka ghal sezzjonijiet ohra, hu li kellu esperjenza f'dawn gie moghti 7 marki minn 10, u Mercieca gie moghti 9. Dwar il-marka ta' 4 li nghata minn 10 ghall-Taghrif Generali ma setax jifhem kif gie ggudikat fuq din il-materja, meta ma staqsewh xejn fuq dan.

Interessanti wkoll certu Michael Mallia li dan minn clerk one, gie wkoll promoss ghall-AO b'marka ta' 68 u dan kien wkoll inferjuri fil-livell minnu. Hemm ukoll certu Patrick Miller li dan kien camera man max-Xandir dak iz-zmien u xi gimgha qabel hargu l-applikazzjonijiet kellu l-grad tieghu mibdul ghal EO sabiex seta' jkun eligibbli ghall-AO. Fil-fatt dan ta' l-ahhar sar wkoll AO u dan skond l-istess Selection Board.
Dan ifisser li jiena dawn l-ingustizzji in partikolari l-grad ta' AO ilu mcahhad lili mill-1987 u dan peress li min hadha fl-1989 hadha b'lura mill-1987.

Charles Zammit li kien stazzjonat fl-Enquiries and Credit Control Section fil-grad ta' Administrative Officer u li dak iz-zmien kien

superjur tar-rikorrent, xehed li dak iz-zmien ix-xoghol li kien jaghmel ir-rikorrent kien prattikament l-istess xoghol tieghu. Kienu jaraw n-nies, jisimghu l-complaints, jigbru l-kontijiet kif ukoll jippruvaw jigbru l-kontijiet pendenti. Ghalkemm ma kienux ta' l-istess grad prattikament kienu jaghmlu l-istess xoghol on a day to day basis. Ikkonferma li r-rikorrent dejjem ghamel xoghlu kif suppost.

Frank St John li wara l-elezzjoni ta' l-1987 kien stazzjonat Sa Maison bhala kap tas-sezzjoni tal-main stores ikkonferma li r-rikorrent kien ntbaghat mieghu Sa Maison ftit wara l-elezzjoni ta' l-1987. Semma li r-rikorrent xoghlu dejjem ghamlu kif suppost peress li hu kien jzommu right hand man tieghu.

Salvu Seychell ikkonferma li ghall-habta ta' April ta' l-1995 ir-rikorrent kien gie mibghut mieghu fis-sezzjoni tat-Trasport il-Furjana. Dak iz-zmien kien Head of Transport. Xehed "Dwar prestazzjoni tar-rikorrent fuq ix-xoghol tieghi nista' nghid li huwa kien irriplejsjani ghal darbtejn konsekkuttivi ghal perjodu ta' tlett gimghat…"

Joseph Mallia rapprezentant tal-Maltacom xehed li r-rikorrent beda jahdem mat-Telemalta Corporation fit-28 ta' Awissu 1978 bhala clerk 1. Fl-1 ta' Ottubru 1986 dan gie promoss ghal Administrative Assistant. Fl-1 ta' Jannar 1991 dan rega gie promoss bir-riforma ta' Assistant Principal. Fl-1 ta' Ottubru 1994 dan rega gie promoss bir-riforma bhala Principal fi skala 10.

Fit-23 ta' Gunju 1989 harget is-sejha ghall-applikazzjoni biex jintlew il-vakanzi fi grad AO u r-rikorrent applika. Ghalkemm huwa kkwalifika ghax gab 61 marka huwa ma nghatax promozzjoni peress li n-numru ta' vakanzi kien limitat. Fil-fatt l-ahhar persuna li nhatret AO gabet 67 marka.  Esebixxa kopja tar-rapport tal-bord ta' l-ghazla.

Godwin Ellul Principal graduate proffessional officer xehed li kien membru fil-bord ta' l-ghazla u ghall-interviews li saru ghal AO's. Semma li kienu stabbilew minn qabel il-marki li kellhom jigu allokati.  Zied li waqt l-interviews qadu fuq dak li qalilhom l-kandidat.  Qal "Mistoqsi kif stabbilejna l-esperjenza nghid li ahna qiesna dawk l-kandidati li kienu f'diversi sezzjonijiet bhala vantaggati peress li qisna li huma kellhom aktar esperjenza u ghalhekk ottjenew aktar marki…Rigward tal-kwalifiki ahna rajna certifikati l-originali li kienu jgibu maghhom il-kandidati jew inkella rajna l-fotokopji ta' l-originali li kienu jgibu l-kandidati stess. Fir-rigward tal-kriterju ghall-personalita u present section, personalita stabbilixejniha bil-mod kif gab ruhu l-individwu fil-waqt ta' l-interview anki bil-mod kif kien liebes u fil-present section hija s-section li kien jahdem fiha fiz-zmien ta' l-interview l-kandidat. Nghid li kien ikun hemm speci ta' diskussjoni bejnietna biex tinghata l-marka ghal kull individwu. Il-kriterju ta' other section ahna stabbilixejniha fir-rigward tax-xoghol li kien jaghmel l-individwu fid-diversi sezzjonijiet u dejjem qghadna fuq dak li qalilna l-individwu fl-interview anki fuq dan il-kriterju. Fir-rigward tal-general knowledge kienet tirrigwarda t-temi kurrenti ta' dak iz-zmien. Mistoqsi jekk kellnix files ta' l-individwu fil-hin ta' l-interview nghid li le ma jidhirlix li kellna."

**KONKLUZZJONIJIET:**

Fis-sentenza moghtija minn dan it-Tribunal fis-27 ta' Novembru, 2001 fl-ismijiet "Joseph Baldacchino vs Maltacom p.l.c. [Rik 871/97] it-Tribunal qal:

**"Konsiderazzjonijiet generali:**

Fil-kawza fl-ismijiet Nathalie Attard vs Maltacom deciza minn dan it-Tribunal fl-24 ta' Ottubru, 2001, it-Tribunal qal:

"Illi ghalhekk biex jasal ghall-konkluzzjoni dwar jekk saritx ingustizzja mar-rikorrenti mill-Maltacom, dan it-Tribunal irid f'dan il-kaz l-ewwel jara jekk sarux ingustizzji fl-ghoti tal-promozzjonijiet u wara jara jekk ir-rikorrenti haqqix l-ghoti tal-promozzjoni.

Fl-analisi ta' dak li sar irrizulta li:

l-artiklu 15 tal-Ftehim Kollettiv ghas-snin 1/10/86 sat-30/9/89 jghid "In the making of promotions and/or in the filling of vacancies, the Corporation considers the <u>requirements of the job</u> and the <u>merit</u>, <u>qualifications</u>, <u>aptitude</u>, <u>experience</u> and <u>seniority</u> of those being considered for promotion or the filling of vacancies. Fil-fatt is-Selection Board ma mexiex ezatt skond il-kriterji stabbiliti f'dan il-ftehim ghax ghalkemm seniority, experience, u qualifications huma imsemmija specifikament fil-ftehim kollettiv, zdiedu <u>personality</u>, <u>other sections</u> u <u>general knowledge,</u> waqt li thallew barra merit u aptitude. L-aktar li hu preokkupanti huwa li dawn jidhru

jaghtu wisq importanza lil elementi suggettivi u mhux tant dawk oggettivi bhal seniority u kwalifiki.

Is-selection Board halla tibdil tan-nomenklatura kif imsemmi wkoll mill-Bord ta' l-Appelli dwar Promozzjonijiet;

Irrizulta li diversi haddiema li mhux suppost inghataw marki jew mhux daqshekk hadu marki; diversi haddiema li ma kellhomx kwalifiki  inghataw punti fil-qasam tal-kwalifiki.

L-allokazzjoni tal-marki ta' hafna haddiema fil-qasam ta' esperjenza huwa manifestament zbaljat;

Il-komputazzjoni tal-marki ta' xi whud hija zbaljata;

Ir-rizultati ma gewx ippublikati xhur wara li hargu. Wara zmien l-impjegati setghu jaraw biss il-marka totali taghhom, u xi sena u nofs ilu dawn il-marki kienu tpoggew ghad-dispozizzjoni tal-haddiema tat-Telemalta;

il-personal files tal-applikanti ma gewx ezaminati;

Illi ghalhekk jirrizulta bl-aktar mod car li saru kwantita' kbira ta' irregolaritajiet fl-ghoti tal-promozzjonijiet.  B'hekk diversi nies li ma kiex haqqhom jigu moghtija promozzjoni inghataw l-istess promozzjoni.  Certament it-Tribunal mhux qieghed jezamina l-aspett tal-ingustizzji b'mod li jindahal f'min gja ha promozzjoni meta mhux suppost ghax dwar dan ma jista' jaghmel xejn, izda ghandu l-obbligu li jipprova jaghmel l-ahjar

tieghu biex jirrimedja l-ingustizzji li saru. Dan spiss hu ferm difficli.

Biex tigi mnaqqsa din l-ingustizzja manifesta hemm bzonn li dan it-Tribunal jalloka xi marki ohra fejn ikun il-kaz u b'hekk minn gie ingustament imholli barra ikun jista' jibbenefika mill-process odjern. Biex dan isir u kemm jista' jkun b'mod oggettiv l-allokazzjoni tal-marki trid tigi modifikati li l-kriterju oggettiv dwar seniority [snin ta' servizz] jinhadem fuq bazi ta' 20 marka, u Kwalifiki fuq bazi ta' 40 marka u b'hekk il-kwalifiki oggettivi ikollhom 60%. Experience tinzel ghal 15, Personality 15, Other Sections 5, u General Knowledge 5. Dan l-esercizzju jrid isir mit-Tribunal biss fil-kaz ta' min applika. Ghalkemm it-Tribunal mhux sejjer imiss il-marki, hlief ghal kif inghad, fil-kriterji ta' other sections, u general knowledge, jekk ikun il-kaz irid jara jekk il-marka dwar personality hijiex gusta.

Ukoll ir-rikorrenti irid mhux biss li ssirilhom formula matematika li biha l-marki allokati jigu sostitwiti; izda fejn pruvat li saru zbalji dawn il-marki jridu l-ewwel jigu modifikati b'mod li jekk dawk li hadu l-promozzjonijiet inghataw ghall-istess kwalifiki bhar-rikorrent 10 marki, bl-istess mod irid li r-rikorrent jinghata dawn il-marki.

Fl-ahhar nett jigi rilevat li biex persuna tiehu l-promozzjoni ma kienx sufficjenti li jghaddi izda ried jidhol fil-cut-off section tal-promozzjonijiet. Hawn ukoll trid issir kunsiderazzjoni ohra; kawza ta' dak li sar numru ta' nies [xi terz ta' dawk li saru] u li

hadu l-promozzjoni ma kienux johduha b'mod li l-cut-off irid jizdied b'terz."

Meta Charles Arrigo gie mistoqsi jaghti diversi spjegazzjonijiet ma setghax jaghtihom; ukoll dan xehed li rigward kwalifiki il-Bord mexa ma' dak li ddikjaraw li kellhom l-applikanti fl-applikazzjoni taghhom [1-/4/00].

Irrizulta skond Raymond Fava li minn 359 applikanti bl-eccezzjoni ta' 12 -il ruh kollha kienu membri ta' l-UHM u dan meta l-GWU kellha membership ratio ta' 2 is to 1…"

**Konsiderazzjonijiet dwar ir-rikorrent:**

Charles Zammit stazzjonat fl-Enquiries and Credit Control Section fil-grad ta' Administrative Officer xehed li dak iz-zmien ix-xoghol li kien jaghmel ir-rikorrent kien prattikament l-istess xoghol tieghu. Ikkonferma li r-rikorrent dejjem ghamel xoghlu kif suppost. Frank St John li wara l-elezzjoni ta' l-1987 kien stazzjonat Sa Maison bhala kap tas-sezzjoni tal-main stores ikkonferma li r-rikorrent xoghlu dejjem ghamlu kif suppost peress li hu kien jzommu right hand man tieghu. Salvu Seychell li dak iz-zmien kien Head of Transport fahhar ix-xoghol tar-rikorrent.

**Konsiderazzjonijiet finali:**

Ghalhekk ir-rikorrent applika ghal A.O. u gab 61. Frankie Mercieca gie impjegat mal-kumpanija u gab ghal AO 5, 23, 8, 19, 9, u 9 total 73.

B'dak li intqal fuq il-marki tar-rikorrent ghandhom jigu revizi b'dan il-mod ghal AO:

Dwar *years of service* ir-rikorrent inghata 5 meta Doriette Tedesco li kienet ilha impjegata 4 snin hadet 4 waqt li hu kien ilu mill-1978 u cioe' 11-il sena; ghalhekk irid jinghata l-massimu u cioe` 10; bil-formula gdida irid jinghata 20;

Dwar *experience* ir-rikorrent inghata 15; bil-formula hawn fuq imsemmija din ssir 9;

Dwar *kwalifiki* ir-rikorrent inghata 20; meta Mercieca li ma kellux kwalifiki inghata 8. Ghalhekk il-marka tar-rikorrent kellha tizdied b' 8 u tasal ghal 28; izda dan mhux possibli ghax jaqbez il-massimu; bil-formula gdida tasal 39;

Dwar *personality* ir-rikorrent inghata 10; u ghalhekk bil-formola fuq imsemmija ssir 8;

Dwar *Other Sections* ir-rikorrent inghata 7 meta Mercieca u Mallia inghataw 9 u kienu f'sections anqas, u Kelly li kien dejjem fix-Xandir inghata 9; ghalhekk il-marka messha kienet 10; il-marka l-gdida trid taqra 5;

Dwar *General Knowledge* ir-rikorrent inghata 4; bil-formola l-gdida jigu 3;

Dan itella' t-total tal-marki tar-rikorrenti ghal 84 ghal AO.

Il-cut-off line ghal AO kien il-21 post b'67 marka. Skond dak li intqal fuq dwar it-terz li jrid jizdied il-cut-off marks iridu jsiru ghal AO it-28 post u cioe' 65 marka. F'dan il-kaz ma hemmx ghalfejn li t-Tribunal jidhol fl-ezami ta' dan l-aspett ghax irrizulta li r-rikorrenti kien haqqu l-promozzjoni ghal AO ghax spicca b'total ta' 84 marka.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` intimata. Jilqa' t-talba tar-rikorrent u peress li jsib l-ilment gustifikat jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta' Administrative Officer b'effett mill-5 ta' Gunju, 1987 u jitpogga fil-lista ta' seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li ithallas d-differenza fil-paga li sofra basta dan ma jaqbisx is-somma ta' Lm5000.

Spejjez kontra s-socjeta` intimata.